**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 13 ta' Frar, 2025

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**-vs-**

**Edmund Cilia, detentur tal-karta ta' l-identità 184078M**

*Kumpilazzjoni Nru. 239/2022*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Edmund Cilia** u ċioe talli:

Nhar il-05 ta' Ġunju 2021 fil-ħinijiet ta' bejn is-6pm u 7pm ġewwa l-Mosta:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ibnu **Isaac Cilia** f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' **Isaac Cilia**, hekk kif iċċertifikaw it-tobba **Dr. Carla Gauci** (Med Reg 6230) u **Dr. Karl Bonavia** (Med Reg 3946)

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuna ta' **Isaac Cilia** jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Edmund Cilia** billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil **Edmund Cilia** b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li

tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal zmien li tħoss xieraq

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat/i għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tat-30 ta' Marzu, 2023[1] permezz ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

1. Fl-Artikoli 214, 215, 216, 222(1)(a), 202(h)(iii), 202 (h)(v) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-11 t' April, 2023, l-imputat taha il-kunsens tiegħu biex il-każ jinstema w jiġi ġudikat minn din l-Qorti;[2]

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fit-13 ta' Mejju, 2024.

**<u>IL-PROVI</u>**

Dan il-każ jirrigwarda aggressjoni li segwiet diverbju fejn il-parte leża sofriet ġrieħi gravi per durata mingħand l-imputat, ir-raġel li rabbieh.

---

[1] Fol.45
[2] Fol.46

Ġaladarba ġie preżentat il-**Current Incident Report**[3], liema rapport baqa' ma ġiex konfermat minn PS575 Mark Tonna, il-Qorti ma għandhiex għażla oħra għajr li tiskarta l-istess rapport. L-għażla tal-Prosekuzzjoni li ma tressaqx bħala xhud lis-Surġent Tonna biex jikkonferma ir-rapport redatt minnu, jippreklud lil Qorti milli tikkunsidra id-diskors li sar u dak li raha b'għajnejh l-imsemmi Surġent; għażla li potenzjalment timmina l-każ tal-prosekuzzjoni billi fatti li jistgħu ikollhom piż probatorju ma jistgħux jittieħdu in konsiderazzjoni. Hu fortunat li f'dan il-każ il-parte leża iddeċieda li jwaqqaf il-proċeduri penali istitwiti fil-konfront ta' Edmund Cilia.

**Rosette Cilia** xehdet kif f'Ġunju 2021 inqala argument li sar wieħed fiżiku, bejn żewġha w binha Isaac ta' għoxrin sena fejn dan safa b'daqqa fuq imnieħru.[4] Tgħid li Isaac prova jżomm lill-imputat lura billi *b'idejh "beda jipprova jzommu minn ghonqu lura....it-tifel ma feaħx daqsu u għelbu u beda jtih bil-ponn"* wara li neħħielu idejh. Isaac kien ilu jaqla daqqiet qabel ma qala d-daqqa ta' ponn f'wiċċu. Il-kuntatt fiżiku spiċċa hekk kif l-imputat ma kienx baqagħlu saħħa w hi mill-ewwel ċemplet l-Għassa tal-pulizija. Wara dan l-inċident hi telqet mid-dar flimkien ma uliedha.[5]

In kontro-eżami tikkonferma li l-argument verbali beda fil-kamra tas-sodda ta' Isaac meta hi w l-imputat kienu qed inaddfulu l-kamra w ċaqalqulu xi affarijiet. L-imputat mar fil-kċina iżda *"baqa' izzekzek u jinki b'ilsienu"*.[6] Tikkonferma wkoll li binha kien qabad l-imputat minn għonqu iżda ma kienx qed jifgaw. Tgħid li binha kien fil-ġenb tal-imputat meta seħħ dan.[7]

**Isaac Cilia** bil-ġurament tiegħu għażel li jwaqqaf il-proċeduri odjerni sabiex il-ħajja tkun tista' tkompli.

L-artikolu indikat mill-Avukat Ġenerali hu l-artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali fejn fis-subartikolu (4) ta' dak l-artikolu hemm provdut:

> (4) Fil-każijiet imsemmijin fis-subartikoli (1) u (3), ma jittieħed ebda proċediment ħlief bil-kwerela tal-parti offiża, minn barra minn meta l-offiża ssir fuq waħda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 222(1)(*a*) u (*b*).

[3] Fol.7 et seq
[4] Fol.28-29
[5] Fol.30-33
[6] Fol.34
[7] Fol.36

Għaldaqstant wara li l-Qorti rat l-artikolu 543(e) tal-Kodiċi Kriminali, wara li qieset l-interess tal-parte leża, tiddikjara dan il-proċess bħala proċediment eżawrit.

Finalment a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol din is-sentenza flimkien mal-atti jintbagħtu lil Avukat Ġenerali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**